MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1153/2008

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Ismael Obassa Hussein, iben Obsa, imwieled l-Etiopia fid-19 ta’ Mejju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta’ Novembru, 2008 għal habta tal-5.00 a.m. ġewwa l-Marsa irreżista lill-PC224, PS426 u PC574 persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaġixxu għal esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti u ikkaġuna ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ PC224 salv komplikazzjonijiet, kif iċċertifika Dr. M.C. Formosa taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;

2. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, billi għamel ħsara volontarja fuq il-vettura Fiat Punto, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAJ 228, liema ħsara tammonta għal aktar minn €116.47 iżda mhux iżjed minn €1,164.69 għad-dannu ta' Anna Marie Vella mill-Marsa;
3. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi u fl-24 ta' Ottubru, 2008 hedded lill-PC224 Jason Farrugia, li jaf fejn joqgħod u li jsiblu l-familja u it-tfal, u dan sabiex itelfu milli jagħmel xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu;
4. talli fl-24 ta' Ottubru, 2008 għal habta tas-7.00 a.m. ġewwa l-Marsa u il-Ħamrun, irresista bi vjolenza lill-Ispettur Joseph Agius, lill-PS1051, lill-PS201, lill-PC224, lill-PC319, lill-PC37 u lill-PC574 waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
5. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi f'diversi ħwienet ġewwa l-Marsa u fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun u fit-Taqsima tal-Emergenza ta' l-isptar Mater Dei kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
6. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi fil-vettura tal-Pulizija Ford Focus, bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP 535, attakka lill-PC574 Emanuel Buhagiar u telfu milli jkollu kontroll assolut tal-vettura li ien qed isuq b'perikolu għal min kien fl-istess vettura u iil-pubbliku u sewwieqa ta' vetturai oħra li kien hemm fit-triq;
7. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi, ġewwa l-għassa tal-Ħamrun għamel ħsara volontarja li ma tiskorriex l-€23.40 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
8. talli b'diversi atti magħmulin mill-imputat, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda f'dati differenti fil-Marsa u fil-Ħamrun f'dati differenti, billi:
a. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;
b. hedded bil-familja u it-tfal lill-PC224 Jason Farrugia, uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu;
c. kien fis-sakra u ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu waqt li kien fil-pubbliku;
d. għamel ħsara volontarja fuq ħwejjeġ ħaddieħor; u
e. irresista lill-pulizija u ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tagħha waqt il-qadi ta' dmirijietha;

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tapplika l-artikolu 383(1) tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta’ PC224 Jason Farrugia u l-uffiċjali kollha nvoluti f’dawn l-inċidenti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Diċembru, 2008 fejn ħabib ta’ l-imputat ħallas id-danni ta’ €390 lil Anna Marie Vella.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Diċembru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 95(1), 96, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ tlett xhur priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------